23 ta' Jannar, 1956.

Imħallef:
Onor. Dr. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Clemente Galea *versus* Salvatore Gauci et.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Art. 155 (1) u 792 tal-Proċedura Ċivili**

*Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandha jkollha mfissrin ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dawn huma partikularitajiet sostanzjali taċ-ċitazzjoni; u għalhekk in-nuqqas tagħhom hu milqut mill-liġi b'nullità.*

*Jekk iċ-ċitazzjoni tkun bażata fuq żewġ kawżalijiet li huma inkonċiljabbli ma' xulxin, bil-ħsieb li, jekk l-azzjoni ma tirnexxix fuq waħda minnhom, tkun tista' tirnexxi fuq l-oħra, il-kawżali ma tkunx ċara, u ċ-ċitazzjoni hija nulla.*

*Għax hu veru li, għall-fini tal-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha hu importanti li jiġu eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u, jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa l-quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment tal-oġġett propost, salv li l-istess ma jkunux inkonċiljabbli, u dina r-redazzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda turi, se maj, in forza ta' liema drittijiet — "jus petendi" — l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni; imma dan jista' jsir biss meta l-kawżalijiet ma jkunux inkonċiljabbli waħda ma' l-oħra.*

*Fil-każ preżenti, ġiet konstatata dina l-inkompatibbilità bejn żewġ kawżalijiet li fuqhom kienet bażata ċ-ċitazzjoni, u l-konvenut ġie liberat "ab observantia".*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi huwa kien miżżewweġ ma' Maria Galea, neé Gauci, bint u rispettivament oħt il-konvenuti, li mietet erbgħa xhur wara ż-żwieġ fil-25 ta' April 1949 (dok. A), bla testment, u għalhekk il-wirt tagħha ddevolva fuqu u fuq il-konvenuti fil-proporzjoni stabbilita mill-liġi; u illi huwa, qabel iż-żwieġ tiegħu, ta £200 lill-imsemmija Maria Galea neé Gauci biex iżżommhomlu, u f'każ ta' premorjenza tiegħu żżommhom għaliha, u hija ħalljethom f'idejn il-konvenuti jew x'uħud minnhom, jew silfithom lill-konvenuti jew x'uħud minnhom; u illi l-istess somma ta' flus ta' £200 kienet u baqgħet proprjetà tiegħu, u tikkostitwixxi kreditu favur tiegħu kontra l-assi partikulari tal-istess Maria Galea neé Gauci; jitlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, u prevja, jekk ikun hemm bżonn, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni, kemm tal-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnu u l-imsemmija martu u tal-assi partikulari tagħha, li huwa mhux qiegħed jitlob

formalment biex jevita spejjeż inutili, peress illi, jew ma hemm xejn fihom, jew hemm passiv, il-konvenuti proprio et nomine, bħala debituri tal-imsemmija Maria Galea neé Gauci, u għalhekk indirettament debituri tiegħu, u jekk hemm bżonn bħala eredi "ab intestato" tagħha, jiġu kundannati, kollha jew min minnhom, jirrestitwulu, bħala kreditur tal-istess Maria Galea, u jekk hemm bżonn bħala werriet tagħha skond il-liġi, l-imsemmija somma ta' £200 li tinsab għandhom. Bl-imgħax minn notifika, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

***Omissis;***

Ikkunsidrat, fuq il-preġudizzjali sollevata mill-konvenuti;

Illi skond l-art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandha jkollha mfissrin fiha, ċar u sewwa, l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dawn huma partikularitajiet sostanzjali fiċ-ċitazzjoni; u għalhekk in-nuqqas tagħhom hu milqut mill-liġi b'nullità (art. 792 Kod. ċit.);

Illi f'dan is-sens l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti tidher ġustifikata. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, l-attur jammetti illi huwa qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq żewġ kawżalijiet, li huwa jikkwalifika bħala, waħda prinċipali, diretta għall-azzjoni surrogatorja, u l-oħra sussidjarja, diretta għall-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Maria Galea. Hu għalhekk evidenti illi ż-żewġ kawżalijiet dedotti mill-attur, speċjalment bħala diretti, kull waħda minnhom, għal azzjoni diversa, huma inkonċiljabbli ma' xulxin;

Jidher illi l-attur dan għamlu biex, jekk id-domanda tiegħu ma tiġix milqugħa fuq l-ewwel kawżali, l-istess tkun talvolta tista' tiġi milqugħa fuq il-kawżali l-oħra. Imma, bħal ma l-kawżali taċ-ċitazzjoni ma tistax titbiddel (Vol. XXXIV-I-85), u lanqas tiżdied (Vol. XXX-III-464), posterjorment għall-inizju tal-proċediment, u l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba fuq kawżali differenti minn dik indikata fiċ-

ċitazzjoni, ħlief fil-każ kontemplat fl-art. 211 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li mhux applikabbli għall-Qorti Superjuri (Vol. XXX-II-45), hekk ukoll, u wisq iżjed, ma tistax tinġieb fiċ-ċitazzjoni aktar minn kawżali waħda, bil-ħsieb li, jekk l-azzjoni ma tirnexxix fuq waħda minnhom, tkun tista tirnexxi fuq l-oħra; u dan, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għaliex f'każ bħal dan il-ġudizzju jkun intiż għal żewġ azzjonijiet waħda għal kollox differenti mill-oħra, u għalhekk il-kawżali taċ-ċitazzjoni ma tkunx ċara, fis-sens li l-konvenut ma jkunx f'pożizzjoni li jagħraf fuq liema miż-żewġ kawżalijiet l-attur qiegħed jibbaża d-domanda tiegħu. Hu veru li għall-fini tal-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha hu importanti li jiġu eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u, jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa l-quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment tal-oġġett propost, salv li l-istess ma jkunux inkonċiljabbli; u din ir-redazzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda, se maj, turi in forza ta' liema drittijiet — "jus petendi" — l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni (Vol. XXXIII-I-535);

Imma, kif jingħad f'din l-aħħar sentenza, dan jista' jsir biss, meta l-kawżalijiet dedotti ma jkunux inkonċiljabbli waħda ma' l-oħra. Issa, f'dan il-każ il-kawzalijiet dedotti mill-attur jieħdu għal żewġ azzjonijiet għal kollox differenti, kif fuq imsemmi, u anki għal dak li jirrigwarda l-kwalità tal-konvenuti, barra min dik tal-attur, f'kull waħda minnhom. Biżżejjed jingħad illi l-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu kontra l-konvenuti, f'waħda minnhom personalment, bħala "debituri, jew depożitarji, jew detenturi tas-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni, tal-imsemmija Maria Galea, u għalhekk indirettament debituri tiegħu", u fl-oħra bħala "eredi ab intestato tal-istess Maria Galea"; anzi l-konvenuti mhumiex ċitati mill-attur f'din l-aħħar kwalità;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni, u hekk tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.